**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Gunju, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 49/2020 AF**

**Tennisline Malta Limited (C-76881)**

**vs**

**Intersteel & Fence Limited (C-22115)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Sava Jovic ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tennisline Malta Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti, Sava Jovic, huwa attwalment il-gestjonarju operazzjonali u segretarju tas-socjetà rikorrenti Tennisline Malta Limited (C-76881) ("**Tennisline**").

Permezz ta' rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi ta' Tennisline, liema rizoluzzjoni hija datata is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-socjetà rikorrenti awtorizzat lill-esponenti Sava Jovic, sabiex jintavola il-kawza odjerna f'isimha, kontra s-socjetà intimata Intersteel & Fence Limited ("**Intersteel**"). Kopja ta' liema rizoluzzjoni qed tigi hawn annessa w immarkata bhala "Dok. A".

Is-socjetà rikorrenti, Tennisline, topera fl-industrija sportiva tat-tennis, fejn hi toffri *inter alia,* taħriġ u lezzjonijiet tat-tennis lil klijenti ta' etajiet u livelli diversifikati, u dan taghmlu mill-lok minn fejn hi topera, u cioè fl-indirizz Pembroke Gardens, P. D'Armenia Street, Pembroke PBK 1420 (it-"**Tennis Courts**").

F'Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), is-socjetà rikorrenti Tennisline tat appalt lis-socjetà intimata Intersteel sabiex taghmel xi xoghlijiet ta' rinfaccjar (*resurfacing*) u l-installar ta' cint (*fencing),* fit-Tennis Courts taghha, kif ukoll sabiex tikkonsenja l-materjal mehtieg ghal dan l-appalt, u dan skont l-istima li Intersteel tat lil Tennisline tramite *email* nhar it-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. B".

L-istima surreferita tispecifika l-kwalitajiet minimi tax-xoghlijiet pattwiti u miftiehma bejn il-partijiet kontendenti, liema xoghlijiet Intersteel ntrabtet li tesegwixxi ghal Tennisline gewwa t-Tennis Courts, u dan versu l-prezz pattwit ta' sebgha u erbghin elf tmien mija u disgha u erbghin euro (€47,849).

Inoltre apparti x-xoghlijiet, is-socjetà intimata kellha wkoll tissupplixxi l-materjali mehtiega sabiex isiru x-xoghlijiet in kwistjoni, u dan kif ukoll specifikat fl-istima surreferita mibghuta minnha.

Ix-xoghlijiet in kwistjoni ssoktaw f'Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ntemmu f'Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), bl-ahhar pagament effetwat minn Tennisline fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Ftit xhur biss wara li ntemmu x-xoghlijiet, u specifikament ghall-habta ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), Tennisline u l-impjegati taghha bdew jinnutaw bosta nuqqasijiet fix-xoghlijiet in kwistjoni esegwiti mis-socjetà intimata.  Illi fost in-nuqqasijiet innutati kien li bdiet titqaxxar iz-zebgha tat-Tennis Courts, u beda jitmermer wicc it-Tennis Courts, tant li s-socjetà rikorrenti ma setghetx tibqa' toffri s-servizzi taghha lill-klijenti, u dan sakemm isiru xoghlijiet riparattivi u rimedjali.

Kawza ta' dan is-socjetà rikorrenti kellha bzonn taghmel xoghlijiet ristawrattivi u rimedjali fuq wicc it-Tennis Courts, sabiex dawn ikunu ritornati ghal livell adegwat sabiex jintuzaw ghal lezzjonijiet u tahrig tat-tennis ghall-klijenti taghha. Minkejja li s-socjetà rikorrenti gabet dan a konjizzjoni tas-socjetà intimata, din tal-ahhar cahdet kwalunkwe responsabbiltà ghal dawn il-mankanzi u baqghet tichad kwalunkwe talba sabiex jigu rimedjati il-mankanzi apparenti fix-xoghlijiet ezegwiti minnha jew fil-materjali provduti minnha, u sahansitra bdiet tevita r-rapprezentanti tas-socjetà rikorrenti jew ma twegibhomx.

Minkejja l-fatt li saru xorta ta' xoghlijiet ristawrattivi u rimedjali, a spejjez esklussivi tas-socjetà rikorrenti, il-problema ta' tmermir u tqaxxir tal-wicc tat-Tennis Courts baqghet tippersisti u regghet baqghet titfacca kull ftit xhur, u kawza ta' dan is-socjetà rikorrenti kellha taghmel xoghlijiet rimedjali u ristawrattivi kull ftit xhur, kull meta terga titfacca din il-problema, bil-konsegwenza li kull darba li din l-okkorenza titfacca, kellha tissospendi s-servizzi taghha.

Fil-frattemp, minhabba din l-okkorenza, is-socjetà rikorrenti ingaggat numru ta' esperti sabiex jaghmlu t-testijiet adegwati sabiex jiddentifikaw jekk kienx hemm xi difetti jew nuqqasijiet fix-xoghlijiet maghmula mis-socjetà intimata fit-Tennis Courts jew fil-materjali provduti minnha.

L-ewwel espert ingaggat f'dan ir-rigward identifika illi kien jidher li l-kwalità tal-konkrit uzat mis-socjetà intimata ghar-rinfaccjar tat-Tennis Courts ma kienx tal-kwalità pattwita, u cioè dak ta' "C20" msemmi fl-istima, izda ta' kwalità inferjuri. L-espert in kwistjoni ssugerixxa wkoll li jsiru testijiet adegwati fir-rigward tal-konkrit ma' laboratorju f'dan il-qasam, u dan sabiex jigi identifikat jekk kienx hemm xi deficjenzi fix-xoghlijiet maghmula jew fil-kwalità tal-materjali provduti (vide "Dok. C").

Inoltre l-espert kien identifika wkoll li x-xoghol kien nieqes minn *insulation membrane,* li huwa ikkunsidrat bhala kwalità essenzjali f'dan it-tip ta' xoghlijiet, u li n-nuqqas tieghu jista' jaffettwa serjament id-durabilità taghhom.

Sussegwentament is-socjetà rikorrenti ingaggat lil Solid Base Laboratory Limited (C-33162) ("**Solidbase**"), u dan sabiex isiru it-testijiet propizji rigwardanti il-materjal uzat, u jekk kienx hemm deficjenzi fix-xoghol jew fil-materjali, hekk kif gie ssuggerit mill-ewwel espert ingaggat minn Tennisline.

Solidbase ghamlu it-testijiet appoziti f'dan ir-rigward, wara li ttiehdu kampjuni tal-konkrit mit-Tennis Courts, u finalment gie identifikat illi kien jidher li minkejja li l-kwalità tal-konkrit kien fil-fatt "C20", kien hemm difetti fih, specifikament fir-rigward tal-koezjoni tal-konkrit, kif ukoll fl-adezjoni bejn il-konkrit u z-zebgha. Illi l-imsemmija rapport mhejji minn Solidbase, qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. D".

Inoltre gie indikat mill-laboratorju in kwistjoni li l-konkrit kien jidher li huwa nieqes mill-*fibre mesh*, izda biex isiru it-testijiet precizi f'dan ir-rigward kien hemm htiega li jintbaghtu kampjuni l-Ingilterra, u b'hekk jigu inkorsi spejjez ulterjuri mis-socjetà rikorrenti.

Minhabba li jezistu difetti fil-konkrit u jidher li x-xoghlijiet maghmula mis-socjetà intimata kienu neqsin mill-*fibre mesh*, ix-xoghlijiet esegwiti u l-materjali provduti mis-socjetà intimata ma kienux tal-kwalità originarjament pattwita bejn il-partijiet kontendenti jew ma sarux skont is-sengha u l-arti.

In vista tas-surreferit, ix-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà intimata u l-materjali provduti ma kienux tal-kwalità pattwita, u inoltre ma sarux skond s-sengha u l-arti, b'mod li r-rizultat finali ma jirrispekkjax il-ftehim tal-appalt u l-aspettativi tas-socjetà rikorrenti.

Minkejja li s-socjetà rikorrenti talbet lis-socjetà intimata sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet, tirrifondi l-prezz mhallas lilha kif ukoll li taghmel tajjeb ghad-danni li s-socjetà rikorrenti soffriet, hi baqghet inadempjenti u evaziva, u naqset milli toffri rimedju attendibbli f'dan ir-rigward.

Is-socjetà rikorrenti ghadha qed issofri danni sa' llum minhabba l-fatt li s-socjetà intimata ma ezegwietx ix-xoghol skont is-sengha u l-arti u l-fatt li x-xoghlijiet esegwiti u l-materjali provduti ma kienux tal-kwalità pattwita, u dan ghaliex kultant zmien terga titqaxxar iz-zebgha u jitmermer wicc it-Tennis Courts in kwistjoni, kif spjegat izdjed 'il fuq.  B'hekk is-socjetà rikorrenti qed tigi sfurzata sabiex taghmel xoghlijiet restawrattivi, riparattivi u rimedjali kull meta dan isehh.

Inoltre kawza ta' dan is-socjetà rikorrenti qed issofri hsara u danni reputazzjonali mal-klijenti taghha li jilmentaw maghha dwar dan l-istat ta' fatt li jkollhom jiffaccjaw kull ftit xhur (*vide* "Dok. E").

L-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din is-socjetà sabiex:

1. Tiddikjara li x-xoghlijiet li saru fil-fond gestit mis-socjetà rikorrenti u l-materjali kunsinnati mis-socjetà intimata Intersteel & Fence Limited ma kienux tal-kwalità pattwita;

2. Tiddikjara li l-appalt moghti lis-socjetà intimata ma giex ezegwit skont is-sengha u l-arti u huwa difettuz;

3. Tordna lis-socjetà intimata Intersteel & Fence Limited sabiex tirrimedja ghad-difetti fil-kwalità tal-materjal u x-xogholijiet, u ghax-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, liema xoghol ghandu jsir okkorendo skont id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta’ perit jew periti nominandi;

4. Fin-nuqqas li s-socjetà intimata tottempera ruhha mal-ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lis-socjetà rikorrenti taghmel ix-xoghlijiet mehtiega hi, a spejjez tas-socjetà intimata, liema xoghol isir ukoll okkorendo skont id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta’ perit jew periti nominandi.

5. Tiddikjara li s-socjetà rikorrenti soffriet danni bhala konsegwenza tal-agir min-naha tas-socjetà intimata, specifikament minhabba l-fatt illi x-xoghlijiet li saru fil-fond gestit mis-socjetà rikorrenti u l-materjali kunsinnati mis-socjetà intimata Intersteel & Fence Limited ma kienux tal-kwalità pattwita, u f’kull kaz li l-appalt moghti lis-socjetà intimata ma giex ezegwit skont is-sengha u l-arti u hu difettuz;

6. Tillikwida l-istess danni sofferti mis-socjetà rikorrenti Tennisline Malta Limited, jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta’ perit jew periti nominandi;

7. Tikkundanna lill-istess socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti l-ammont ta’ danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż kontra s-socjetà intimata, minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Intersteel & Fence Limited, li permezz tagħha wiegbet illi:

Is-socjetà esponenti tichad kategorikament l-allegazzjonijiet kollha tas-socjetà attrici, li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Is-socjetà esponenti wettqet xogholha skond is-sengha u l-arti u skond dak pattwit bejnha u bejn is-socjetà attrici.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk fis-sit in kwistjoni kien hemm xi forma ta' hsara wara x-xogholijiet maghmula mill-esponenti, dan kien kagun tal-agir tas-socjetà attrici u/jew rapprezentanti/haddiema taghha, li, di più, agixxew kontra l-parir espress tar-rapprezentant tas-socjetà esponenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti zgur illi ma jista' jkollha ebda htija stante li ngaggat kuntrattur ta' reputazzjoni tajba, Central Asphalt Limited, li min-naha taghha, assigurat lis-socjetà esponenti li l-kwalità tal-konkos issupplifikat kien dak miftiehem bejn is-socjetà esponenti u dik attrici. Jekk, *dato ma non concesso*, jirrizulta li dan mhuwiex il-kaz, allura s-socjetà esponenti titlob il-kjamat in kawza tas-Central Asphalt Limited, sabiex tirrispondi hi ghan-nuqqas taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-affidavit imressqa.

Semghet xhieda *viva voce*.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, Tennisline Malta Limited qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lil Intersteel and Fence Limited li esegwiet xoghol (inkarigat lilha) b'mod difettuz. Qed titlob ukoll danni. Intersteel twahhal kemm fl-istess socjetà rikorrenti ghad-difetti li hargu kif ukoll fis-socjetà li lilha gie kkuntrattat ix-xoghol tal-*concrete*.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi Tennisline, socjetà involuta fl-isport tat-*tennis*, xtaqet tizviluppa art li kriet f'zewg *tennis courts*. Ghal dan il-ghan, hija ngaggat lil Intersteel and Fence Limited, socjetà b'esperjenza fi zviluppar u x-xogholijiet ta' kampi sportivi. Intlahaq ftehim bejn iz-zewg socjetajiet dwar xogholijiet li kellhom isiru mis-socjetà intimata li kienu jikkomprendu xoghol fuq l-art, hitan, *fencing* u zebgha tal-art taz-zewg *tennis courts*. Ix-xoghol gie esegwit bejn Dicembru 2017 u Jannar 2018. Ftit xhur wara, z-zebgha tal-art bdiet titqaxxar u fis-Sajf tal-2018 saru xi xogholijiet rimedjali fiz-zebgha. Dawn ma swew ghalxejn ghaliex malli bdiet ix-xita iz-zebgha regghet bdiet titqaxxar. Sar kuntatt ma' Rado Limited, specjalista fil-kisi tal-art li ma accettatx li tahdem qabel ma jsiru accertamenti xjentifici tal-*concrete*. Saru mid-ditta SolidBase li sabet li l-*concrete* kellu "*pull off properties*" fqar. Ghalhekk kellu jitqaxxar saff shih ta' *concrete*. Meta sar hekk instab li ma kienitx giet applikata "*fibre mesh*" mal-*concrete*. Lanqas ma kien tqieghed *waterproofing membrane*. Ix-xoghol rimedjali sar u jidher li l-problema ssolviet.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti. Anzi, gew sostanzjati b'hafna rapporti u ritratti mehuda fiz-zmien meta tfaccat il-hsara. Ta' rilevanza partikolari huma r-rapporti mahruga mill-laboratorju SolidBase (fol. 59 et seq.) li jikkonferma "*pull-off strength*" fqira fil-wicc tal-konkos imqieghed.

Intersteel and Fence Limited tittenta tiskolpa ruhha ghal zewg ragunijiet. Tinsisti li l-konkos kien gie mqieghed minn Central Asphalt u ghalhekk f'kaz ta' difetti tahti Central Asphalt ukoll. Tghid li kienet Tennisline stess li ghagglet biex jinzebagh kollox qabel ma thalla jinxef sew il-konkos.

In linea ta' principju ta' dritt, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza FS Engineering and Plastic Limited vs Branko Radojevic (9 ta' Dicembru 2021) fejn gie ritenut:

*"F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Emanuel Caruana (PA 09/10/2003) fejn gie spjegat illi: "L-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti', u fejn ma hemmx patti espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kienetx illi kellu jinghata xoghol hazin."*

Dwar danni dik il-Qorti qalet hekk:

*"Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa principju tal-ligi illi fejn si tratta ta' inadempjenza kontrattwali, il-kolpa hija prezunta u l-ligi, permezz tal-artikolu 1125 tal-Kodici Civili, taghti azzjoni ghad-danni kontra min jonqos jew jikser obbligazzjonijiet assunti minnu (ara per ezempju: Dr Josè Herrera noe vs Gaetano Debattista et noe, PA 21/04/2004). Id-danni illi ghalihom huwa intitolat il-kreditur tal-obbligazzjoni huma t-telf li l-kreditur ikun bata' u l-qliegh li jkun gie imtellef, ai termini tal-artikolu 1135 tal-Kodici Civili, filwaqt illi l-artikolu 1136 jillimita d-danni dovuti ghal dawk li d-debitur tal-obbligazzjoni jkun basar jew seta' jobsor fiz-zmien tal-obbligazzjoni, fil-kaz li ma jkunx hemm ghemil doluz minn naha tieghu."*

Il-Qorti tibda biex tqis l-argument tas-socjetà intimata illi kien Central Asphalt li ssupplixxa u qieghed il-*concrete* u ghalhekk hija ma jistax ikollha htija. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-intimata m'ghandhiex ragun. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Decman Co. Ltd vs Carmelo Caruana Shipping Limited (14 ta' Gunju 2001) illi,

*"It-tieni, ic-cirkostanzi stess fattwali tal-kaz juru li kien hemm nuqqas ta' diligenza da parti ta' xi hadd, kien min kien, u li mhuwiex tali li però jiskolpa r-responsabbilità tas-socjetà konvenuta vis-à-vis is-socjetà attrici li jekk qabbdet*

*appaltaturi jew sub-appaltaturi ohra tirrispondi ghalihom hi fit-termini ta' l-artikolu 1642 kif pretiz mis-socjetà attrici."*

Dwar il-konkos, is-socjetà intimata hija meqjusa li naqset f'zewg aspetti. Naqset li taghti parir li fic-cirkostanzi kien ikun ghaqli li jigi stallat membrane u aghar minn hekk intrabtet u thallset li l-*concrete* ikollu mieghu *fibre mesh*, li ma tpogga qatt. Bhala l-appaltatur, kellha kull obbligu tissorvelja dak li kienet qed tqieghed Central Asphalt. Intersteel intrabtet u thallset tal-inkluzjoni ta' *fibre mesh*. Ma tistax issa tinheba wara Central Asphalt. L-obbligu ta' tqeghid ta' *fibre mesh* kien u baqa' taghha, cioe` ta' Intersteel.

Intersteel imbaghad taghti tort lil Tennisline ghaliex insistiet li tigi applikata z-zebgha tal-wicc qabel ma lahaq nixef il-wicc tal-konkos u fi zmien meta kien ghaddej l-maltemp, fejn allura l-konkos kellu bzonn aktar zmien mis-soltu biex jinxef. Hawnhekk ukoll, Intersteel m'ghandhiex ragun. Kif zammet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Spiteri Tiles Limited vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani (9 ta' Jannar 2009),

> *"Dana peress illi huwa principju li kuntrattur li jkun se jaghmel xoghol fuq haddiehor ghandu xorta obbligu li jaghti servizz tajjeb u rizultat utili, u jekk jara li ma jistax jaghti dan r-rizultat minhabba x-xoghol precedenti li jkun sar, ghandu jirrifjuta l-inkarigu. Din il-Qorti fil-kawza "Direttur Generali tax-Xoghlijiet Pubblici v. Azzopardi", deciza fid-19 ta' Gunju, 2006, elenkat il-principji li japplikaw f'kaz ta' appalt, fosthom,*
>
> - *"L-appaltatur ghandu f'kull kaz jezegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti. Ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria" (Kollez Vol XXVII pl p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pl p485).*

- *"L-appaltatur ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol fejn ikun jaf li r-rizultat ahhari, ghal kwalunkwe raguni, mhux ser ikun sodisfacenti. Fin-nuqqas ikun responsabbli ghad-danni: "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez Vol XXXVII plll p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" (Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et noe, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972)."*

*L-obbligu impost fuq il-kuntrattur skond dawn ir-regoli huwa li kellu qabel xejn jivverifika jekk il-bazi realizzata minn terzi, u li fuqha kellu jqieghed il-madum, kienetx soda u taqleb bizejjed biex isservi bhala sfog adegwat ghall-ilma tax-xita, jiddenunzja kull difett li jiskopri u, f'kaz ta' vizzji hekk skoperti, jastjeni milli jaghti ezekuzzjoni ghall-appalt moghti lilu. Fi kliem iehor, ghar-realizzar ta' opra, teknikament idonea u ghas-sodisfazzjon tal-kommittent, hu kellu d-dover li qabel xejn jikkontrolla u jrendi ruhu edott minn xi karenzi fl-istruttura tal-bazi. Jekk jonqos milli jaghmel din il-verifika jew, nonostante li jkun irriskontra nuqqas fil-bazi, huwa xorta wahda jibqa' ghaddej bix-xoghol, hu jkun responabbli ghan-nuqqasijiet kollha li jirrizultaw."*

Ukoll, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici vs Charles Azzopardi (19 ta' Gunju 2006) fejn irriteniet illi:

*"L-appaltatur m'ghandu qatt jippresta x-xoghol tieghu jekk jaf li r-rizultat, ghal xi raguni jew ohra, mhux se jkun sodisfacenti. "Jekk is-sodda li fuqha l-appaltatur se jaghmel xoghlu mhux sodisfacenti ghalih, ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol qabel ma dik is-sodda ssir tajba u idonea ghal xogholu; jekk il-kommittent jibqa' ma jirrangax dik is-sodda, l-appaltatur ghandu jirrifjuta li jippresta xoghlu, anke jekk il-kommittent jinsisti mieghu li jista' jahdem.*

*L-appaltatur la jista' jwahhal fl-ghodda tieghu u lanqas ma jista' jwahhal f'xi haga hazina li saret minn xi hadd iehor,*

*meta hu kien jaf jew kellu jkun jaf b'dak id-difett, izda xorta jibqa' ghaddej u jaghmel il-parti tieghu fuq ix-xoghol il-hazin. L-appaltatur ghandu, f'kull cirkustanza, jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti skond l-arti u s-sengha, u jekk jaf li r-rizultat ahhari, ghal xi raguni hi x'inhi, mhux se tkun sodisfacenti, ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol, u jekk jaghmlu jkun responsabbli ghad-danni (ara "Galea vs Gatt", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 1994)."*

Stabbilit illi Intersteel tahti ghax-xoghol difettuz fit-*tennis courts de quo*, l'esegwi li hija ghandha taghmel tajjeb ghad-danni minnha kagunati.

Fil-kuntest ta' kundanna ghal danni wara inadempiment kuntrattwali gie ritenut fil-fuq citata sentenza ta' FS Engineering & Plastic Limited vs Branko Radojevic (9 ta' Dicembru 2021) fejn gie ritenut:

*"Qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tillikwida d-danni, anke ex aequo et bono, irid jirrizulta effettivament li kien hemm danni, ghax altrimenti l-Qorti tkun qed takkorda danni morali. Fil-fatt, kif osservat, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza appenna citata, il-poter diskrezzjonali tal-Qorti li tillikwida d-danni ex aequo et bono, ma jfissirx li min jallega hsara m'ghandux juri telf." (Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza fl-ismijiet ta' Salvatore Coppola et vs Girolamo Busuttil, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 2015). Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ta' Peter Axisa nomine vs John Debono, din il-Qorti ghamlet taghha dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' Joseph Muscat et vs Alfred Baldacchino et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar 2016, u li fiha ntqal li: "Il-Qorti tillikwida d-danni arbitrio boni viri meta jkun impossibbli ghall-attur li jressaq il-provi precizi dwar l-entità taghhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom". Fuq l-istess hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' Edward Engerer vs Richard Attard et., deciza fis-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti qalet ukoll li l-likwidazzjoni fuq bazi ta' arbitrio boni viri ssir "mhux biex qorti tissuplimenta ghan-nuqqas tal-parti li tippretendi l-likwidazzjoni milli twettaq id-dmir taghha li tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg (App. Civ. App Civ. Nru.*

*418/2004/1, deciza fit-3 ta' Ottubru 2008; App. Civ. Nru. 1171/2007/1; App. Civ. Nru. 247/1994/1; App. Civ. Nru. 728/2000/1; App. Civ. 134/11/1 Pagna 30 minn 43 27.10.2017 fil-kawza fl-ismijiet Mizzi Home Furnishings Ltd, et vs Italgreen SpA), imma sewwasew ghaliex dik il-parti ma tkunx f'qaghda li tikkontrolla u ggib il-provi mehtiega (App. Civ. 29.4.2016 fil-kawza fl-ismijiet Wilhelmina Abela noe et vs Alex Ciantar et)."*

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hija konvinta min-nuqqasijiet li wriet Intersteel f'xoghol effettivament ikkawzaw danni. Samuel Bajus jikkonferma bil-gurament, kemm fir-rikors promotur kif ukoll fl-affidavit tieghu, illi t-tiswijiet swew kwazi €26,000. Ghalkemm qatt ma gew prezentati ricevuti jew stimi dan l-ammont qatt ma gie kontestat lilu meta sarlu l-kontro-ezami. Lanqas ma gie kontro-ezaminat Branko Radojevic, direttur ta' Rado Limited li esegwiet ix-xogholijiet rimedjali. Madanakollu, din il-Qorti ssibha difficli taccetta kif ix-xoghol rimedjali seta' sewa aktar mix-xoghol originali. Fin-nuqqas ta' provi teknici precizi din il-Qorti ser takkorda s-somma ta' €10,000 u cioè nofs l-ispiza originali tal-art tal-konkos u dan peress illi ma kellux jigi rimpjazzat il-konkos kollu izda biss il-wicc flimkien ma' €7,000 spejjez taz-zebgha. Hawnhekk ukoll il-Qorti qeghda tistrieh fuq l-kont originali mhallas minn Tennisline.

Dwar hlas ta' kera, ma ngabet lil Qorti ebda ricevuta ta' hlas ta' ebda perjodu u ghalhekk din il-Qorti qed tqis it-talba ghar-risarciment ta' kera bhala mhux sorretta. Lanqas ma hija qed tqis sodisfacentement pruvata t-talba ghall-kumpens tat-telf ta' qliegh stante li ma ngabet lil din il-Qorti ebda prova dwar dan.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' Intersteel and Fence Limited sa fejn kompatibbli ma dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza,

1. Tilqa' t-talbiet ta' Tennisline Malta Limited billi tiddikjara li x-xogholijiet li saru minn Intersteel and Fence Limited ma sarux skond is-sengha u l-arti;

2. Tiddikjara li konsegwenza ta' dan in-nuqqas, Tennisline Malta Limited sofriet danni;

3. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000);

4. Tikkundanna lil Intersteel and Fence Limited thallas lil Tennisline Malta Limited is-somma ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000).

L-ispejjez jithallsu minn Intersteel and Fence Limited hlief ghal dawk relatati mal-ewwel, it-tielet u r-raba talba li ghandhom jithallsu mill-istess Tennisline Malta Limited.

IMHALLEF

DEP/REG